MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 656/2007

**Talba Nru: 656/07PBC**

**Emanuel Azzopardi (I.D. 248162M) li jiggestixxi d-ditta 'Azzopardi Woodworks'**

**Vs**

**Doris Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680) rapprezentanti bilanc minn prezz akbar ghall-kcina tal-

pine mahduma u supplita lill-konvenuta fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------